# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru   5**

**Avviz  numru   1406/00/SM**

**GasanMamo Insurance agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Borg.**

**vs**

**Peter Paul Ciantar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux:**

**1. Jigi ddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala**

**konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' Lulju 1997 fil-limiti tal-Gudja meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru GAF 903 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru Nru. JAD 462 proprjeta u ta' Joseph Borg u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u tnjen u sittin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (LM262.85,0) jew somma ohra verjuri, bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0) ta' Ittra Ufficjali tal-21 ta' Jannar, 2000 debitament notifikat fit-28 ta' Jannar 2000, u ta' Ittra Ufficjali ohra ppresentanta kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha il-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici Joseph Borg, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tat-8.00 p.m. tad-29 ta' Lulju ta' l-1997 f'Olive Street, kantuniera ma triq adjacenti, il-Gudja, u fiha kienu nvoluti vettura tal-marka Lada bin-numru GAF-903 misjuqa mill-konvenut Peter Paul Ciantar u vettura tal-marka Skonda bin-numru JAD-462 misjuqa minn Joseph Borg l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine;**

2. **Illi l-kollizjoni sehhet meta l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine gie biex idur ghall-Olive Street intlaqat mill-vettura tal-konvenut fil-kantuniera;**

3. **Illi l-hsarat sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta' kif jirrizulta a fol 33 tal-process u ghalhekk ittiehdet din l-azzjoni;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut ghalkemm jaqbel essenzjalment mal-fatti kif fuq esposti isostni wkoll li ma setax jevita lill-vettura l-ohra peress li hu kellu jibqa' hiereg ghal dik il-parti tat-triq ghaliex kien hemm xi vetturi ohra pparkjati jostakolawlu t-triq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif jidher mill-iskizzipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jidher li l-konvenut qieghed fil-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta ghal teighu;**

**Illi l-prudenza tirrikjedi li l-konvenut, peress li ried jidhol f'karreggjata rizervata ghall-traffiku gej mid-direzzjoni**

**opposta, kellu d-dover li jieqaf, ihalli lit-traffiku jghaddi u wara jipprocedi u m’hux jibqa’ jsuq qisu m’hux hu bil-konsegwenzi kollha li rrizultaw;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Peter Paul Ciantar unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici nomine fl-ammont ta’ mitejn u tnejn u sittin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (LM262.85,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Peter Paul Ciantar biex ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta’ attrici nomine bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mid-data ta’ l-ittra ufficcjali datata l-21 ta’ Jannar tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**